MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 77/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenuta preżentat fis-26 ta’ Jannar 2012 li permezz tiegħu hija talbet li għall-fini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16, it-talba tagħha għas-separazzjoni f’din il-kawża tiġi meqjusa minflok bħala talba għall-pronunzjament ta’ divorzju;

Rat ir-risposta tal-attur preżentata fl-14 ta’ Frar 2012 li permezz tagħha oġġezzjona għal din it-talba minhabba li skond hu hemm possibbilta’ ta’ tranżazzjoni;

Il-Qorti hi ċerta li din il-possibbilta' teżisti biss f'moħħ l-attur għaliex mis-smiegħ li sar quddiemha huwa ċar li ma teżistix din il-possibbilta';

**Għaldaqstant *stante* li jeżistu r-rekwizi kollha ndikati mill-Art 66 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tilqa' t-talba u ser tqis it-talba għal separazzjoni tal-partijiet bħala talba għal divorzju.**

**Spejjeż bla taxxa**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------